MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2013

Numru 943/2013

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Said Sarreo**

**vs**

**Elvis Falzon**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Elvis Falzon ta' 33 sena bin George u Rosaria nee' Bondin, imwieled Haz-Zabbar fit-2 ta' April, 1978 u residenti fil-fond : Flt. Nru. 1, 'Tal-Grazzja', Triq il-Gross, Wied il-Ghajn u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 206778(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

A) Nhar il-11 ta' Settembru, 2010 ghal habta tal-4.45 ta' wara nofsinhar, filwaqt li kienu fi Triq San Guzepp gewwa Haz-Zabbar, volontarjament hassar, ghamel hsara

jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' kkawza hsara volontarja fuq il-vettura ta' ghamla Toyota, mudell Corolla u li ghandha n-numru tar-registrazzjoni : FMN-266, ghad-dannu ta' Mary Falzon u perusni ohra, liema hsara tammonta ghal 818.16 ewro.

Sar recidiv ai termini ta' l-Art. 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mghotija mill-Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta' l-esperti skond l-art. 533 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta' Awwissu 2011 (esebit *a folio* 15 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2012 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw hsara volontarja maghmula fuq vettura tal-ghamla Toyota Corolla li saret fil-11 ta' Settembru 2010 ghall-habta ta' 4.45pm waqt li din il-vettura kienet parkeggjata fi Triq San Guzepp, Haz-Zabbar. Il-hsara kienet tikkonsisti fi ksur fil-windscreen ta'

quddiem u wara tal-imsemmija vettura kif ukoll daqqiet kemm fuq wara kif ukoll fuq quddiem liema daqqiet saru b'oggett iebes. Mill-investigazzjonijiet li ghamlu l-Pulizija rrizulta li Kurt Muscat waqt li kien fil-gallarija tad-dar tan-nanna tieghu ra ragel b'mutur jaghmel il-hsara fuq il-vettura taz-zija tieghu Mary Muscat. Fuq il-post il-Pulizija sabu bicciet ta' mera ta' mutur imkissra kif ukoll hadida li biha saret il-hsara. Il-hsara fil-vettura kienet tammonta ghal tmien mija u tmintax-il ewro sittax-il centemzu (€818.16)[1].

Kurt Muscat li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2012 spjega li fil-gurnata in dizamina kien qieghed id-dar tan-nanna tieghu fi Triq San Guzepp, Haz-Zabbar meta sema' hsejjes ta' tisbit gej minn barra u ghalhekk hareg barra sabiex jara x'kien qed jigri u sab ragel liebes crash helmet fuq mutur qed ikisser b' hadida l-windscreen ta' wara tal-vettura taz-zija tieghu Mary Falzon. Huwa jghid li mar sabiex iwaqqfu u qalbu minn fuq il-mutur u meta gara hekk inkisret il-mera tal-genb tal-mutur. Muscat jghid li s-sewwieq harab minn fuq il-post bin-number plate tal-vettura f'idejh u huwa rah jarmi dan in-number plate f'ghalqa li kien hemm vicin. Ix-xhud qal ukoll li l-mutur kien ahmar u jidhirlu tal-ghamla Yamaha. Meta x-xhud gie muri r-ritratti tal-mutur tal-imputat esebiti a fol 32 tal-process li gew mehudha mill-Pulizija meta gie arrestat l-imputat huwa kkonferma li dan kien l-istess mutur li kien riekeb il-persuna li ghamel il-hsara fuq il-vettura taz-zija tieghu Mary Falzon.

L-imputat Elvis Falzon ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-3 ta' Mejju 2013 u qal li fil-gurnata u hin in dizamina kien qieghed fil-marc tal-festa ta' Haz-Zabbar mat-tifel ta' huh Ned Falzon u damu mill-11.00am sat-3.00pm u mbaghad mar id-dar jorqod u fil-fatt meta marru l-Pulizija sabuh rieqed. Huwa qal li dak li qed jigi akkuzat bih m'huwiex minnu. In kontro-ezami huwa kkonferma li fiz-zmien in dizamina huwa kellu mutur Suzuki u ndika li dan kien il-mutur li jidher fir-ritratti mmarkat bhala JB1. Huwa kkonferma wkoll li meta marru jarrestawh il-Pulizija

[1] Dok JB1 a fol 30 tal-atti processwali

sabu il-mutur tieghu li kellu l-hsara izda qal li din kienet giet kagunata gurnata qabel meta skiddja bil-mutur. Il-gerha li kellu f'wiccu ukoll giet kagunata f'din l-okkazzjoni meta skiddja. Huwa kkonferma wkoll li hemm kwistjonijiet civili pendenti bejn il-familja tieghu u l-bqija tal-familja, inkluza ma' Mary Falzon.

Ikkunsidrat :

Illi minn ezami tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jirrizulta li l-istess Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha fil-konfronti tal-imputat fuq prova ndizjarja wahda u cioe' li l-mutur tal-marka Suzuki u ta' kulur ahmar li nstab parkeggjat quddiem ir-residenza ta' missier l-imputat kellu l-mera tal-gemb miksura u Kurt Muscat l-unika xhud okulari tal-incident qal li huwa kien qaleb lis-sewwieq tal-mutur u kienet inkisret il-mera tal-genb. Il-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova li tindika sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li kien l-imputat li kien qed isuq dan il-mutur dakinhar tal-11 ta' Settembru 2010 u li ghamel il-hsara fil-vettura ta' Mary Falzon. Il-Qorti jidrilha li l-Pulizija li nvestgaw dan il-kaz setghu ikkonducew l-investigazzjonijiet b'mod ahjar billi ghaddew in-number plate tal-vettura u l-hadida li nstabet fuq il-post lil esperti forensici sabiex jigu elevati impronti digitali sabiex imbaghad isir ezami komparattiv mal-impronti digitali tal-imputat. Il-Pulizija Ezekuttiva naqset ukoll milli ggib prova permezz ta' espert forensiku li tindika li l-frammenti tal-hgieg li nstabu fuq il-post fejn giet kagunata l-hsara kienu parti mill-mera miksura tal-mutur tal-imputat.

Illi fil-gurisprudenza nostrana dejjem gie stabbilit li l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjarji izda dawn tal-ahhar iridu jkunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u jridu jkunu sufficjenti u tali li jnislu f'mohh il-gudikant konvinciment morali lil hinn minn kull dubju ragonevoli dwar ir-reita' tal-persuna imputata. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, tas-17 ta' Settembru 2008, fil-kawza fl-ismijiet Pulizija vs Pierre Buttigieg presjeduta mill-Onor Imhallef Joseph Galea Debono fejn intqal illi :

*« Prova indizjarja wahda, jekk tkun univoka w ma taghti lok ghall-ebda spjegazzjoni ohra ghajr dik tal-htija tal-akkuzat, tista' tkun bizzejjed biex fuqha biss tinstab dik il-htija. »*

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal sentenza ohra moghtija fis-6 ta' Mejju 1961 fil-kaz fl-ismijiet Il-Pulizija v Carmelo Busuttil et mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn intqal li :

*« Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova, talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika. »*

Fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li l-prova ndizjarja prodotta mill-Prosekuzzjoni ma tippruvax bi precizjoni matematika li l-imputat kien il-persuna li kkaguna l-hsara fil-vettura ta' Mary Falzon fil-11 ta' Settembru 2010. Il-Qorti jidrilha li din il-prova ma tistghax titqies li hija univoka ghaliex ghalkemm din il-Qorti tista' tasal fuq bazi ta' probabilita' li kien l-imputat li kien qed isuq il-mutur identifikat minn Kurt Muscat bil-provi li ghandha f'idejha din il-Qorti ma tista' qatt tasal ghal sejbien ta' htija fil-konfronti tal-imputat fuq bazi ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni billi ma hemmx prova wahda konkreta li tistabbilixxi ness bejn l-imputat u l-hsara volontarja mertu tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------